GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

Referenza: DELH 004 /2025

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lis: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi / Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat
Kapijiet tal-Entitajiet

Suġġett: **Aġġornament fil-Karta tal-Eżami Annwali tal-11-il sena - 2025**

Data: Is-7 ta' Jannar, 2025

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed toħroġ gwida ta' kif se tkun imfassla l-karta tal-eżami tal-11-il sena skont is-sillabu aġġornat taċ-ĊES 2025, inkluż l-Appendiċi. Din il-gwida tidħol fis-seħħ għall-eżami annwali ta' Marzu 2025.

L-eżami tal-11-il sena se jkun maqsum f'żewġ sessjonijiet: il-karta tal-oral (10 minuti) u l-karta tal-kitba (sagħtejn).

1. L-Oral (12-il marka) - Dan isir f'sessjoni għalih f'ġurnata differenti.
2. Il-Qari u l-Kitba (88 marka) f'sessjoni waħda.

## L-Oral

Se jikkonsisti:

i. qari mgħajjat ta' paragrafu mis-silta (2 marki);
ii. tweġib u diskussjoni fuq il-mistoqsijiet marbuta mat-test moqri (5 marki);
iii. diskussjoni fuq tema megħjuna bl-użu ta' stampa (5 marki).

L-istudenti se jingħataw 10 minuti ta' preparazzjoni qabel għall-qari, il-mistoqsijiet u d-diskussjoni.

## Il-Qari u l-Kitba

Se tikkonsisti minn:

i. L-istudenti se jingħataw erba' titli b'erba' ġeneri differenti tal-**kitba twila** minn fejn jagħżlu. Il-kriterji tal-kitba se jkunu dawk imsemmija fis-sillabu taċ-ĊES aġġornat f'Lulju 2024 (240-270 kelma għal-livell 1-2, u 270-300 kelma għal-livell 2-3). L-istudenti jridu jagħżlu u jiktbu fuq titlu **wieħed (22 marka)**.

Il-ġeneri tal-kitba li jistgħu jiġu assessjati fl-eżami annwali huma dawk li saru **mid-9 sal-11-il sena**. Importanti li l-għalliema jħarsu lejn il-kriterji stabbiliti tal-ġeneri tal-kitba li jinsabu f'**Appendiċi 5**.

ii. **Fehim il-Qari** bil-mistoqsijiet referenzjali u inferenzjali, kif ukoll mistoqsijiet oħra li jittrattaw kriterji tal-assessjar mill-kisbiet tal-ħila tal-qari **(22 marka)**;

iii. **Eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tas-semantika**. It-tipi differenti ta' eżerċizzji li jistgħu jsiru għal din it-taqsima jinsabu f'**Appendiċi 1 (22 marka)**;

iv. Fil-parti tal-letteratura se jkun hemm żewġ taqsimiet: **taħriġ fuq test mhux imħejji** (unseen text) u **komponiment letterarju** (150 kelma għal-livell 1-2 u 200 kelma għal-livell 2-3). F'din il-parti l-istudenti jridu jwieġbu ż-żewġ taqsimiet. Għall-unseen text, l-istudenti se jwieġbu xi mistoqsijiet li jittrattaw il-kontenut, ir-referenza għat-test, l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tal-poeżija jew tan-novella, il-metrika jew il-prosodija misjuba fihom, u l-effetti li jinħolqu permezz tagħhom. Għall-komponiment letterarju, l-istudenti se jingħataw żewġ titli u jridu jagħżlu wieħed biex jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom fit-tul. Importanti li l-għalliema jirreferu għal **Appendiċi 3** għal-lista tat-termini letterarji u **Appendiċi 4** għal-lista tax-xogħlijiet letterarji **(22 marka)**.

Dawk l-għalliema li jkollhom xi mistoqsijiet jew diffikultajiet għandhom jitkellmu mal-Kap tad-Dipartiment tal-kulleġġ jew mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Is-Sa Sandra Ebejer**

**Id-Direttriċi,**

**DELH**